# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop

## Id-Disa' LEĠISLATURA

# Laqgħa Nru. 73/2024/09

**Data tal-laqgħa:** 27 ta' Marzu, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Kirkop iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 31, Triq San Benedittu, Ħal Kirkop fl-16:47hrs.

### Preżenti:

| | |
|---|---|
| Terence Agius | ***Sindku*** |
| Joseph Schembri | ***Viċi Sindku*** |
| John Luke Cassar | ***Kunsillier*** |
| Cody Galea | ***Kunsillier*** |

### Assenti b'apoloġija *(Skont Ordni Permanenti 14A [3])*

| | |
|---|---|
| Ritienne Caruana | ***Kunsillier*** |

### Uffiċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Antonia Demicoli | ***Segretarju Eżekuttiv*** |

# MINUTI

Is-Sindku Terence Agius ippreseda l-laqgħa.

## 73.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

73.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qrat l-ittra ta' apoloġija tal-Kunsilliera Ritienne Caruana li ma setgħatx tattendi għal din il-laqgħa minħabba raġunijiet ta' saħħa, liema raġuni kienet aċċetata mill-Kunsill Lokali *nem.con.*

## 73.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 71

73.2.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 71 li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mill-Viċi Sindku Joseph Schembri, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 73.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 72 (B'Urġenza)

73.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-minuti tal-laqgħa numru 72 (B'urġenza) li kienu meqjusa moqrija. Wara proposta mis-Sindku Terence Agius, li kienet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar dawn il-minuti kienu approvati u għaddew biex jiġu ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 73.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

73.4.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. SPI/SCI/6/2024 rigward Tnedija mill-ġdid tal-*Community Inclusive Employment Scheme* (CIES) mingħand id-Direttorat għall-Gvern Lokali, Strateġija u Implimentazzjoni ta' Policy.

73.4.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din iċ-ċirkulari u qablu li għal din is-sena ma japplikawx għal din l-iskema.

73.4.2 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mingħand l-Avukat tal-Kunsill rigward kawża fil-Qorti li l-Kunsill kellu ma' terzi fejn informa lil peress li din il-kawża kienet ilha kważi erba' snin wieqfa, din kienet ġiet ikkanċelata mill-Qorti.

73.4.3 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand Doninu Malta rigward talba għall-għajnuna fejn il-Kunsill jixtri tinda biex tkun tista' tintuża biex isiru ħarġiet fil-kampanja għal persuni morda u oħrajn b'diżabilità u l-familji tagħhom.

73.4.3.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din id-darba ma jipparteċipawx.

73.4.4 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand it-TCTC rigward proġetti innovattivi u edukattivi għal dan is-sajf ġewwa l-Kunsilli Lokali.

73.4.4.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li għal din is-sena ma jipparteċipawx.

73.4.5 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand ir-Reġjun Punent b'informazzjoni rigward l-iSkema Appoġġ għall-Arti – Dritt għall-Kultura maħruġa mill-Kunsill Malti għall-Arti.

73.4.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet għaddiet din l-informazzjoni lill-għaqdiet volontarji fil-lokalità.

73.4.5.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li din kellha tgħaddi lill-għaqdiet volontarji fil-lokalità kif fil-fatt kien sar.

73.4.6 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva informazzjoni mingħand ir-Reġjun Punent rigward il-World Book Day li tiġi ċċelebrata f'April.

73.4.6.1 Is-Sindku Terence Agius kompla jispjega li r-Reġjun Punent għandu fond ta' €500 biex jintuża għall-kotba jew tista' ssir ukoll attività, forsi fl-iskola, fejn issir *sketch* ta' 30 minuta minn żewġ atturi, li tiswa €100 u l-€400 li jifdal jinxtraw kotba.

73.4.6.2 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li nitkellmu mal-Kap tal-Iskola Primarja fejn issir attività għat-tfal, issir l-i*sketch* ta' 30 minuta u jinxtraw kotba li jitqassmu lit-tfal kollha tal-Iskola Primarja. Il-Kunsilliera preżenti qablu wkoll li jekk ikun hemm xi differenza fl-ispiża, din għandha tinħareġ mill-Kunsill. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

73.4.7 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva Ċirkulari Nru. 1/2024 rigward it-Trattament tal-Allokazzjoni Annwali sħiħa – Proċeduri ta' Kontabilità tal-Kunsilli Lokali u Trattament ta' Self u Fondi ta' Likwidità addizzjonali li jitħallsu lura fuq talba – Proċeduri ta' Kontabilità tal-Kunsilli Reġjonali.

73.4.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet tkellmet mal-Accountant tal-Kunsill dwar din iċ-Ċirkulari, li minn naħa tagħha kienet talbitha biex tinforma lill-Awdituri tal-Gvern biex jieħdu nota tagħha peress li qabel il-Kunsill għalaq is-sena finanzjarja, il-Kunsill kien ingħata direzzjoni differenti dwar kif iridu jiġu trattati dawn il-figuri.

73.4.8 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva tfakkira biex il-Kunsilliera jagħtu data biex issir laqgħa dwar ir-RIGHTS Project li jinvolvi t-twaqqif tal-Kunsill tat-tfal f'kull lokalità.

73.4.8.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li jsibu data biex tkun tista' ssir din il-laqgħa ta' informazzjoni.

73.4.9 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand id-Dipartiment Anzjanità Attivà u Kura fil-Komunità rigward il-kuntratt taċ-Ċentru ta' Matul il-Jum.

73.4.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-proposta tal-Kunsill kienet li l-ħlas ikun ta' €30 kull ġurnata iżda id-Dipartiment kien talab li l-ħlas ikun ta' €27 kull ġurnata.

73.4.9.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-proposta u qablu li dan il-kuntratt jiġġedded bir-rata ta' €27 għal kull ġurnata.

73.4.10 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward 'The Children and Armed Conflict Project'.

73.4.10.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-korrispondenza flimkien mad-dokument anness. F'dan l-istadju il-Kunsill mhux f'pożizzjoni li jagħmel attivitajiet, biss f'kull attività li ssir, kulħadd ikun jista' jattendi u jkun inkluż.

73.4.11 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali rigward żjarat mil-lokalitajiet għall-EXPO tas-Servizz Pubbliku fejn ser jiġi pprovdut trasport bla ħlas għar-residenti.

73.4.11.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din il-korrispondenza u qablu li ma nitolbux għal dan is-servizz peress li kull meta kien hemm attivitajiet simili r-residenti ma jikkonkorrux.

73.4.12 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva offerta dwar it-tiġdid tal-kuntratt ta' kera tal-*photocopier machine* għall-ħames snin li ġejjin.

73.4.12.1 Il-Kunsilliera raw id-dettalji ta' din l-offerta u qablu li jġeddu dan il-kuntratt bit-termini u l-prezz il-ġdid, b'effett minn Mejju, 2024, peress li l-Kunsill kien ser jingħata magna ġdida u prezz vantaġġjuż fuq il-kuntratt preċedenti. Apparti hekk, is-servizz kien dejjem wieħed tajjeb ħafna u effiċjenti. Għaldaqstant, kien hemm qbil unanimu dwar dan.

73.4.13 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva *email* mingħand il-Kappillan rigward korrispondenza li kellu mal-Enemalta biex jitneħħew il-*wires* tad-dawl minn mal-Knisja Parrokjali. Il-Kappillan xtaq jara jekk il-Kunsill jistax jgħin biex dawn jitneħħew u jitwaħħlu ma propjetà ta' terzi.

73.4.13.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din it-talba u qalu li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li jsir dan ix-xogħol, biss ma jistax jidħol fir-rigward tal-permessi li jridu jingħataw mingħand terzi.

73.4.13.2 Is-Sindku Terence Agius qal ukoll li l-Kappillan kien talab li titneħħa l-bozza li kien hemm mal-ġenb tal-knisja.

73.4.13.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu li din titneħħa u malli jsir l-arblu biex miegħu jeħlu l-linji, issir bozza ġdida fuq dan l-arblu.

73.4.14 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand il-Kappillan biex titneħħa tabella tan-*No Entry* li hemm mal-ġenb tal-knisja.

73.4.14.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qalu li vera din tidher kerha iżda bil-liġi din ma tistax titneħħa.

73.4.15 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba biex jintuża l-i*street furniture* fi Triq San Pietru, minn Kirkop United FC, għall-promozzjoni ta' open day li ser issir nhar l-Erbgħa, 1 ta' Mejju, 2024.

73.4.15.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dan jista' jintuża għal xahar mid-data tal-attività. Għalkemm dan l-ispazju jiswa €140, il-Kunsill ser jagħtih b'xejn. Importanti li fuq il-poster ikun hemm il-logo tal-Kunsill. Jekk fuq il-poster ma jkunx hemm il-logo tal-Kunsill, dan il-poster jinqala' mill-ħaddiema tal-Kunsill.

73.4.15.2 Għaldaqstant kien hemm qbil li dan l-ispazju ser ikun disponibbli għalihom mill-1 ta' April sal-1 ta' Mejju u għandhom ineħħu il-poster malli tgħaddi l-attività, jiġifieri fit-2 ta' Mejju.

73.4.16 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva talba biex jintuża l-i*street furniture* fi Triq San Pietru, minn Onstage Events, għall-promozzjoni ta' music festival li ser isir nhar is-Sibt, 22 ta' Ġunju, 2024.

73.4.16.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li dan jista' jintuża għal xahar mid-data tal-attività. Għalkemm dan l-ispazju jiswa €140, il-Kunsill ser jagħtih b'xejn. Importanti li fuq il-poster ikun hemm il-logo tal-Kunsill. Jekk fuq il-poster ma jkunx hemm il-logo tal-Kunsill, dan il-poster jinqala' mill-ħaddiema tal-Kunsill.

73.4.16.2 Għaldaqstant kien hemm qbil li dan l-ispazju ser ikun disponibbli għalihom mit-22 ta' Mejju sat-22 ta' Ġunju u għandhom ineħħu il-poster malli tgħaddi l-attività, jiġifieri fit-23 ta' Ġunju.

73.4.17 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-kuntratt tad-Data Protection Officer kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Marzu 2024. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill jista' jagħmel użu mill-kuntratt tad-Data Protection Officer li għandu r-Reġjun Punent.

73.4.17.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-materja u qablu li l-Kunsill għandu jikkonferma biex id-Data Protection Officer tar-Reġjun ikun id-Data Protection Officer tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop bħala parti mill-kuntratt tar-Reġjn Punent.

73.4.18 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien ġab kwotazzjonijiet dwar struttura ta' bandla biex tinbidel il-bandla li tintuża minn persuni b'abbiltajiet differenti.

73.4.18.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dawn il-kwotazzjonijiet u qablu li tingħażel l-orħos offerta. Apparti hekk għandu jinbidel ukoll parti mit-tapit li fih il-ħsara biex jitneħħa kull periklu għal dawk li jużaw il-bandla u hekk il-bandli jkun kollu aċċessibbli.

73.4.18.2 Din il-proposta għandha tintbagħat lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali biex il-fondi approvati għal Skema SPI/SCI/3/2020 jintużaw għal dan l-iskop.

73.4.19 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv u l-Periti tal-Kunsill kellhom laqgħa mas-CEO tal-MIA rigward il-finanzjament tal-Observation Area.

73.4.20 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li l-Kunsill kien irċieva l-plakka kommemorattiva tat-30 sena anniversarju.

73.4.20.1 Il-Kunsilliera preżenti qablu li din għandha titwaħħal quddiem is-siġra li tħawlet għall-okkażjoni fi Ġnien Rousset.

## 73.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

73.5.1 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri qal li l-Karta tal-Identità tar-residenti Koppin kienet ser tiskadi f'Ġunju 2024. Hu staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel xi ħaġa biex is-servizz tat-tiġdid tal-karti tal-identità jingħata f'Ħal Kirkop stess.

73.5.1.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan is-suġġeriment u qablu miegħu. Qablu wkoll li l-Kunsill joffri spazju fl-Uffiċċju fejn ikunu jistgħu jsiru l-karti tal-identità biex ir-residenti jinqdew f'Ħal Kirkop stess.

73.5.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa dwar Triq San Pietru u kif kien miexi l-andament tax-xogħol.

73.5.2.1 Is-Sindku qal li hu infurmat li sal-ġimgħa d-dieħla ser jingħata t-tieni saff ta' tarmak sa fejn tlestew it-trinek u wara jitkompla x-xogħol bejn il-mina ta' Ħal Kirkop u il-bidu ta' Triq San Pietru.

73.5.3 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri staqsa jekk kienx hemm xi żviluppi dwar il-*Pocket Garden* ta' Triq Nerik Xerri li ser isir minn Project Green.

73.5.3.1 Is-Sindku Terence Agius qal li sa issa ma kienx infurmat b'xi żviluppi u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tibgħat tfakkira lil Project Green biex il-Kunsill ikun jaf kif miexi x-xogħol.

73.5.3.2 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew ukoll biex titressaq proposta lil Project Green biex dan il-ġnien jissemma 'Ġnien il-Kunsill'.

73.5.4 Il-Kunsillier John Luke Cassar qal li hu xtaq jitkellem dwar dak li qed jidher u jinkiteb fuq il-midja soċjali minn persuni li ser jikkontestaw l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Mhux sew li l-kandidati ġodda qed jippruvaw iħammġu lill-Kunsill preżenti.

73.5.4.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan u qablu li l-Kunsill jagħti rendikont tax-xogħol li għamel jew ġie propost fil-ħames snin tad-disa' leġislatura, qabel ma din tingħalaq.

73.5.5 Il-Kunsillier Cody Galea qal li ma kellu xejn x'jikkomunika f'dan l-istadju.

## 73.6 Rapport tal-Ilmenti

73.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward talba minn resident biex issir *surveilliance camera* fi Triq Raffaele Caruana k/m Triq il-Fdal Paleokristjan minħabba li hemm min qed jidħol *wrong way*.

73.6.1.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qalu li l-Pulizija tal-Komunità qed imorru fuq il-post u qed jagħmlu l-aħjar li jistgħu fiċ-ċirkostanzi.

73.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill talba rigward *Communal Reserved Parking Bay* fi Triq Valletta.

73.6.2.1 Il-Kunsilliera ddiskutew din it-talba u qablu li l-Kunsill jitlob għal *Communal Reserved Parking Bay* fi Triq Valletta.

73.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet quddiem il-Kunsill ilment rigward ħamiem fi Triq San Leonardu.

73.6.3.1 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-problema u qablu li jekk ir-resident lest li jaċċetta *trays* tal-għalf fuq il-bejt tiegħu, il-Kunsill lest li jidħol finanzjarjament biex isiru dawn it-*trays*, biex titnaqqas il-problema tat-tkattir tal-ħamiem.

73.6.4 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-kumplament tal-ilmenti li daħlu matul dan ix-xahar, kif jidhru fil-lista tal-ilmenti, ma kellhomx għalfejn jiġu mressqa għall-attenzjoni tal-Kunsill għax kienu lmenti li ħadet ħsiebhom l-amministrazzjoni.

## 73.7 Sejħa għall-Offerti – Servizz Professjonali ta' Perit

73.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt tas-Servizz Professjonali ta' Perit kien skada fix-xahar ta' Jannar, 2024 u għaldaqstant kien hemm il-bżonn li jiġi mġedded jew tinħareġ sejħa għall-offerti ġdida.

73.7.2 Il-Kunsilliera ddiksutew din il-materja u qablu li l-Kunsill ma għandux joħroġ sejħa għall-offerti ġdida, iżda jġedded dan il-kuntratt.

73.7.3 Dan minħabba li hemm xogħlijiet pendenti fuq proġetti kapitali li kienu mibdija mill-Perit u huma jemmnu li dawn għandhom jitkomplew skont il-kuntratt attwali.

73.7.4 Għal dan il-għan, il-Kunsilliera qablu li jġeddu dan il-kuntratt b'sena biex ikun jista' jitkompla x-xogħol mibdi mingħajr intoppi.

73.7.5 Għaldaqstant il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-kuntratt dwar Servizz Professjonali ta' Perit jiġġedded għal sena, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier John Luke Cassar, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

## 73.8 Sejħa għall-Offerti – Knis ta' Toroq

73.8.1 Is-Sindku Terence Agius qal li l-proċess tat-*tender* dwar l-offerta tal-knis ta' toroq kien ser jiġi ffinalzzat u magħluq.

73.8.2 L-evalwaturi kellhom jiltaqgħu biex jagħlqu dan it-*tender* li għalih il-Kunsill irċieva sitt offerti. Dawn l-offerti huma ineliġibli għall-fatt li ħamsa minnhom għandhom affarijiet li kienu rikjesti li huma neqsin, filwaqt li l-prezz tal-offerta l-oħra jaqbeż l-10% mill-prezz stmat.

73.8.3 Għaldaqstant is-Sindku Terence Agius ressaq mozzjoni biex il-proċess tat-*tender* dwar Knis ta' Toroq jingħalaq minħabba li l-offerti mitfugħa huma ineliġibli, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil mal-Kunsilliera kollha preżenti.

73.8.4 Il-Kunsilliera qablu wkoll li għalissa l-Kunsill jibqa' għaddej bis-servizz ta' emerġenza biex Hal Kirkop ma jispiċċax mingħajr kennies.

73.8.5 Is-Sindku Terence Agius spjega wkoll li fil-frattemp il-Kunsill kellu proposta mill-Cleansing Division dwar MOU li jista' jiġi ffirmat magħhom biex il-Kunsill jingħata s-servizz tal-knis mill-Gvern Ċentrali tramite l-Cleansing Division.

73.8.6 Is-Sindku Terence Agius spjega li l-Kunsill jista' jiffirma dan l-MOU għal ħames snin u jingħata żewġ kenniesa għal 40 siegħa fil-ġimgħa maqsuma mit-Tnejn sas-Sibt. B'dan l-arranġament, l-allokazzjoni li l-Kunsill jingħata mill-Gvern għall-knis, tgħaddi għand il-Cleansing Division.

73.8.7 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew din il-proposta u qablu li l-Kunsill għandu jiffirma dan l-MOU. Għaldaqstant il-Kunsill ser ikun qed jistenna minn naħa tal-Cleansing Division biex isir dan il-ftehim.

## 73.9 Vakanza għall-Assistent Prinċipali (Skala 11)

73.9.1 Is-Sindku Terence Agius qal li kienet tinħass il-ħtieġa li tinħareġ sejħa interna għal Assistent Prinċipali fi Skala 11. Dan biex il-persuna li tkun f'dan l-irwol tkun tista' tingħata xogħol li jista' jsir minn impjegati li qegħdin f'din l-iskala u tgħin aktar lis-Segretarju Eżekuttiv.

73.9.2 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u qablu mas-Sindku u ġie deċiż li tinħareġ sejħa interna għal Assistent Prinċipali (Skala 11). Il-Kunsill jikkonferma li għandu fondi biex iħallas is-salarju addizzjonali b'mod indefinit.

73.9.3 Għaldaqstant il-Kunsillier John Luke Cassar ressaq mozzjoni biex tinħareġ sejħa interna għal Assistent Prinċipali fi Skala 11, liema mozzjoni ġiet issekondata mis-Sindku Terence Agius, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

73.9.4 Għaldaqstant, is-Sindku Terence Agius talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex iġġib l-approvazzjoni għal din is-sejħa mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

## 73.10 Data għal-Laqgħa Annwali tal-Lokalità

73.10.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li skont il-liġi tal-Kunsilli Lokali, il-Kunsill kien meħtieġ li jagħmel laqgħa annwali tal-lokalità sal-15 ta' April, 2024. Hu qal li minħabba li l-Kunsilliera kellhom diversi impenji, il-Kunsill ma kienx ser ilaħħaq issejjaħ din il-laqgħa sad-data stabbilità.

73.10.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li huwa ferm importanti li din il-laqgħa tissejjaħ peress li f'din il-laqgħa jiġu ppreżentati ir-Rapport Amministrattiv, ir-Rapporti Finanzjarji u l-Pjan ta' Hidma.

73.10.3 Il-Kunsilliera ddiskutew dan u ġie deċiż li d-data ser titħabbar aktar 'il quddiem minħabba li l-laqgħa ser issir f'Ġunju, 2024.

## 73.11 Tisbieħ ta' Ġnien Rousset

73.11.1 Is-Sindku Terence Agius informa lill-Kunsilliera preżenti li hu flimkien mal-Kunsillier Cody Galea u mas-Segretarju Eżekuttiv kienu ltaqgħu mal-Onor. Omar Farrrugia fejn ġie diskuss it-tisbieħ ta' Ġnien Rousset.

73.11.2 Is-Sindku Terence Agius qal li kien għaddej b'diskussjonijiet mal-Perit tal-Kunsill dwar il-pjanti ppreparati minnu, biex il-Kunsill ikun jista' jiffirma MOU mal-Public Works.

73.11.3 Il-Kunsilliera preżenti ddiskutew dan il-proġett u qablu li jmexxu bl-iffirmar tal-MOU mal-Public Works kemm jista' jkun malajr, biex dan il-proġett li d-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Ħal Kirkop ilha snin taħdem fuqu, jasal biex jitwettaq.

## 73.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

73.12.1 Il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 148 kif annessa, ġiet imressqa quddiem il-Kunsill għall-approvazzjoni.

73.12.2 Il-Viċi Sindku Joseph Schembri ressaq mozzjoni biex il-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 148 tiġi approvata, liema mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Cody Galea, bi qbil unanimu mill-Kunsilliera kollha preżenti.

## 73.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

73.13.1 F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jtemm il-laqgħa.

73.13.2 Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta, 23 ta' April, 2024 fl-16:30hrs.

73.13.3 Il-laqgħa ntemmet fit-19:44hrs.

*(iffirmati)*

Terence Agius
***Sindku***

Antonia Demicoli
***Segretarju Eżekuttiv***

**Data:** 23 ta' April, 2024

**Mozzjoni Ref:** 354/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 71.

| **Proponent** | **Sekondant** |
|---|---|
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Marzu, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 355/24/9

**Mozzjoni:**

Biex jiġu approvati l-minuti ta' Seduta Nru. 72 (B'Urġenza).

**Proponent**
Terence Agius

**Sekondant**
John Luke Cassar

---

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Marzu, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 356/24/9

**Mozzjoni:**

Biex il-kuntratt dwar Servizz Professjonali ta' Perit jiġġedded għal sena.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Joseph Schembri | John Luke Cassar |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Marzu, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 357/24/9

**Mozzjoni:**

Biex il-proċess tat-*tender* dwar Knis ta' Toroq jingħalaq minħabba li l-offerti mitfugħa huma ineliġibli.

| | |
|---|---|
| **Proponent** | **Sekondant** |
| Terence Agius | Cody Galea |

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Marzu, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 358/24/9

**Mozzjoni:**

Biex tinħareġ sejħa interna għal Assistent Prinċipali fi Skala 11.

**Proponent**
John Luke Cassar

**Sekondant**
Terence Agius

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Marzu, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**

**Mozzjoni Ref:** 359/24/9

**Mozzjoni:**

Biex tiġi approvata l-lista ta' pagamenti Skeda Nru. 148.

**Proponent**
Joseph Schembri

**Sekondant**
Cody Galea

*Waslet għand is-Segretarju Eżekuttiv*

**Data**: 27 ta' Marzu, 2024

Antonia Demicoli
**Segretarju Eżekuttiv**